MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 2/2006

**Victoria Spiteri**

**vs**

**St. Catherine's High School**

**Il-Qorti,**

Fis-25 ta' Jannar, 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie intavolat permess ta' rikors mill-Avukat Paul Pullicino, f' isem Victoria Spiteri fis-26 ta' Settembru 2005 li fih gie allegat illi dina giet licenzjata mill-post taghha ta' ghalliema minn St Catherine's High School ghal raguni li mhix skond il-ligi. L-Iskola Appellata li kienet rapprezentata minn Marie Midolo. *Principal* u Paul Midolo,

*Administrator* ta' l-iskola, assistiti mill-Avukatessa Roselyn Borg, innegat dan.

Inzammu erba' seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78 (1) tal-Kap 452 irid jinghad illi minhabba xi differimenti mitluba mill-Iskola Appellata kif ukoll minhabba nuqqas ta' infrastruttura xierqa ma kienx possibbli li tinghata decizjoni fiz-zmien preskritt mill-istess artikolu.

2. Fatti tal-Kaz

L-Iskola Appellata ssostni illi minhabba nuqqas ta' xoghol kagunat minn riduzzjoni fin-numru ta' studenti kellha bilfors taghmel *redundancies.* Kienet kostretta li toffri lill-Appellanti li tbiddlilha x-xoghol taghha minn wiehed *full-time* ghal wiehed *part-time.* Tghid li l-Appellanti verbalment accettat izda din qatt ma tat risposta bil-miktub ghad li kienet interpellata aktar minn darba. Ghaldaqstant hija kienet giet licenzjata ghal raguni ta' *"lack of work"* (Dok A).

L-Appellanti mill-banda l-ohra tallega li r-raguni ta' *redundancy* fil-kaz tal-licenzjament taghha kienet raguni fittizja u l-veru raguni kienet li l-Iskola Appellata riedet tirrimpjazza ghalliema "xjuh" b' ghalliema godda. Dana skond l-Appellanti jirrizulta mill-fatt li hi kellha servizz ta' xi 37 sena u kienet waslet biex taghlaq 58 sena. Tallega wkoll illi f' dawn l-ahhar sentejn l-Iskola Appellata impjegat ghalliema ohra *full-time,* u ghalhekk kellhom ikunu dawn li f' kaz ta' *redundancy* jigu licenzjati l-ewwel.

3. Konsiderazzjonijiet

Il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka l-mod kif ghandu jigi terminat minn principal kuntratt indefinit ta' servizz. Bazikament dan jista' jsir ghal raguni tajba u bizzejjed (Artikolu 3 6(14) ) jew minhabba *redundancy* (Artikolu 36 (3)).

Ma' tul is-smiegh tal-kaz ma giex allegat li l-licenzjament ta' l-Appellanti sar ghal xi raguni ta' indixxiplina jew xi nuqqas da parti taghha. Issemmiet kemm il-darba r-*redundancy.*

Li kellu jara l-ewwel it-Tribunal jekk il-licenzjament sarx ghal raguni ta' *redundancy* dana minhabba l-fatt illi waqt li l-Iskola Appellata fid-dikjarazzjoni taghha allegat ir-*redundancy* fit-trattazzjoni finali tghid li peress li l-Appellanti kienet verbalment accettat l-impieg *part-time* "juri bic-car li ma kien hemm l-ebda kaz ta' *redundancy".* Kieku kellu t-Tribunal jaccetta din il-versjoni kien jiddecidi li l-Appellanti ddekadiet mill-impieg taghha peress li ma accettatx il-kondizzjonijiet godda imsemmiha lilha mill-principal taghha waqt il-konversazzjoni li kellhom. Izda dak li pproponiet l-Iskola Appellata ma kienx ifisser semplicement bidla fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol ta' l-Appellanti. Kien ifisser terminazzjoni tal-kuntratt indefinit tax-xoghol u rimpjazzament tieghu b' kuntratt gdid *part-time*. Ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra li r-raguni moghtija mill-Iskola Appellata ghal-licenzjament ta' l-Appellanti kienet dik ta' *redundancy* kif fil-fatt gie specifikat fl-ittra ta' l-Iskola Appellata tat-2 ta' Awissu 2005 (Dok A).

Il-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' *redundancy.* Fil-fatt lanqas tittraduci din il-kelma bil-Malti! Izda l-prattika u l-gurisprudenza jipprovdu sors rikk ta' xi tfisser din il-kelma li issa dahlet sewwa fil-vokabularju tar-relazzjonijiet industrijali. Generalment *redundancy* tirriferi fejn intrapriza jehtigilha li tnaqqas in-numru tal-haddiema taghha ghax sejra finanzjarjament hazin. Izda hemm ukoll kazi, li anke dan it-Tribunal jaccetta, li minhabba *re-engineering,* xi zvilupp teknologiku jew xi tibdil fil-metodologija tax-xoghol, jew ghal ragunijiet ta' *marketing* ikun jinhtieg xi tnaqqis ragonevoli fil-*workforce.* Hemm bilanc delikat bejn id-dritt ta' l-intrapriza li tirregola l-ammont ta' haddiema necessarji ghal hidma ekonomika taghha u d-dritt tal-haddiem li ma jkollux il-kuntratt tax-xoghol tieghu terminat unilaterlment.

Fil-kaz in ezami t-Tribunal ghandu dubji serji kemm kien gustifikat il-licenzjament ta' l-Appellanti fuq bazi ta' *redundancy.* Jidher *prima facie* li hemm raguni ghaliex l-Iskola Appellata, affaccjata minn tnaqqis ta' studenti, kellha tirrikorri ghal passi drastici inkluz licenzjamenti biex ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja. Izda f' kazi ta' *redundancy* l-Iskola Appellata kellha l-obbligu preskritt mill-ligi cioe' li tirrispetta l-principju ta' *first in last out* kif imnizzel fl-Artikolu 36 (4) tal-Kap 452. L-Artikolu citat jirreferi ghall-haddiema fl-istess klassi, voldieri li meta tigi biex isehh *redundancy* irid jigi licenzjat l-ewwel min ikun impjegat l-ahhar "fil-klassi ta' impieg milquta minn dik ir-*redundancy".* Fid-definizzjoni ta' "klassi" Kap 452 jirreferi *inter alia* ghal "xoghol maghmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew isem moghti lill-kariga". Fil-kaz in ezami l-Iskola Appellata tirritjeni li ghad li impjegat ghalliema ohra wara il-licenzjament ta' l-Appellanti (u dan jidher li kien imur kontra l-Artikolu 36 (3)) dana sar biex jghallmu suggetti differenti mir-Religjon li kien is-suggett ta' l-Appellanti.

Element importanti, citat minn diversi awturi, biex wiehed jiddefinixxi d-delineamenti bejn klassi u ohra fl-isfond ta' *redundancy* huwa l-*interchangeability* ta' impiegi. L-Iskola Appellata irriteniet illi l-Appellanti ma kienitx *interchangeable* u ghaldaqstant il-licenzjament taghha kien gustifikat ghaliex bhala ghalliema tar-Religjon ma kienx hemm min kien impjegat warajha biex jghallem dan is-suggett. It-Tribunal ried jezamina bir-reqqa dan il-punt li huwa kardinali f' dan il-kaz. Irrizulta mill-provi li l-Appellanti barra milli tghallem ir-Religjon xi zmien qabel kienet tghallem ukoll suggetti ohra, anzi tghid li ma' tul is-37 sena li kienet tghallem bdiet "bhala *full class,* konna nghallmu kollox. Jigifieri *all subjects from 1967 up to 72"* (seduta 28.11.05 fol. 10). Tghid ukoll illi mill-1989 'il hawn kienet tghallem il-Matematika (seduta 28.11.05 fol. 12). Tghid finalment li kienet taghmel *replacements* fis-suggetti kollha minhabba ghalliema li jfallu minhabba mard ecc. Fuq domanda tat-Tribunal qalet li meta kienet tirrimpjazza xi ghalliema ohra kienet taghmel "lezzjoni taghha u ma naghmilx ir-religion tieghi imma naghmel il-lezzjoni taghha *in any level"* (seduta 28.11.05 fol 13-14). Il-fatt illi kienet

tghallem biss fis-sezzjoni *Junior* jattenwa wkoll ir-rigidità tal-pozizzjoni ta' *subject teacher.*

It-Tribunal ma ghandux il-konvinzjoni morali li l-Appellanti b' servizz kontinwu ta' 37 sena u b' inqas minn sentejn sa l-eta` tal-pensjoni kellha tkun il-kandidata idonea bhala l-ahhar persuna li giet impjegta fil-klassi taghha.

L-argument ta' l-Iskola Appellata illi l-Appellanti ma giet imkeccija izda giet offruta impieg alternattiv *part-time* mhux konvincenti. Kif ga ntqal kieku l-Appellanti accettat kienet qed tkun tirrinunzja ghal vinkolu kontrattwali li jmur lura sal-1967. L-offerta ta' impieg *part-time* b' kundizzjonijiet inferjuri tista' forsi anke tigi interpretata bhala *constructive dismissal.*

4. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament ta' l-Appellanti Victoria Spiteri minn ma' l-Iskola Appellata St Catherine's High School kienet ghal raguni li la hija gusta u lanqas sufficjenti.

5. Kumpens

Peress illi l-Appellanti ma talbitx specifikament biex terga' tinghata l-impieg it-Tribunal mhux qed jordna li hi tigi riintegrata fl-impieg. Wara li ra l-Artikolu 81 (2a) tal-Kap 452, wara li qies is-servizz twil ta' l-Appellanti u ra li inhabba l-eta` taghha jkun difficli li ssib impieg iehor it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-Appellanti mill-Iskola Appellata fl-ammont ta' Lm6000 (sitt elef liri Maltin). Dan ghandu jithallas hekk: Lm1000 (elf liri Maltin) sal-31 ta' Jannar 2006 u l-bilanc b' rati mensili ta' Lm500 il-wahda, li jridu jithallsu kull l-ahhar tax-xahar bl-ewwel pagament fit-28 ta' Frar 2006. Jekk tinqabez anke skadenza, wahda tkun xi tkun ir-raguni, ir-rimanenti bilanc isir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

B' hekk jintemm dan il-kaz.

6. Drittijiet

Ghall-iskop ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta’ min assista lill-partijiet fl-ammont ta’ Lm40 kull wiehed.”

L-obbjezzjoni ta’ l-Iskola appellanti fil-konfront ta’ din is-sentenza tikkonsisti fis-sottomissjoni illi t-Tribunal Industrijali akkorda interpretazzjoni zbaljata tal-ligi in materja ta’ “*redundancy*”. Hi tikkontendi illi gjaladarba l-appellata kienet ghalliema fis-suggett partikolari tar-Religjon, f’ liema klassi ta’ mpjieg sfat *redundant*, dan il-fatt kellu jsostni u jikkonforta t-tezi taghha tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg;

Fit-twegiba bil-miktub ghall-appell interpost, l-appellata tissottometti illi dak l-appell kien inammissibbli ghar-raguni li ma kien jirpoza fuq ebda punt ta’ ligi imma merament f’ censura ta’ l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal. Fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2006 issoktat tissolleva b’ eccezzjoni t-tardivita` ta’ l-appell intavolat;

Huwa bil-bosta logiku illi l-ewwel kwestjoni li din il-Qorti jehtigilha tinvesti, tirrigwarda propju din l-ahhar eccezzjoni tat-tardivita` sollevata in kwantu, jekk fondata, ikun futili li tinoltra ruhha fil-meritu ta’ l-aggravju u tal-pregudizzjali l-ohra ghalih;

Hu provvdut fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 82 ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 illi r-rikors ta’ l-appell “ghandu jigi pprezentat mhux aktar tard minn tnax-il gurnata mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal”. Ezami, anke superficjali, ta’ l-atti manifestament turi l-infondatezza ta’ l-eccezzjoni mqanqla tat-tardivita`. Is-sentenza tat-Tribunal inghatat fil-25 ta’ Jannar 2006 mentri l-appell minnha gie pprezentat fl-1 ta’ Frar 2006. Terminu dan inferjuri ghaz-zmien statutorju utli prefiss bil-precitat provvediment tal-ligi. Dan jaghmel ghal kollox insostenibbli l-eccezzjoni moghtija, jekk mhux ukoll fiergha;

Imwarrba fil-genb din l-eccezzjoni, ghall-ezami tal-meritu jibda biex jigi osservat illi in linea generali ma jista' qatt ikun in dubbju illi l-accertament ta' jekk il-fatt tar-*redundancy* jirrikorrix jew le hu gudizzju ta' fatt rimandat lit-Tribunal adit. Hu kompitu ta' dan li jivverifika u jikkontrolla jekk id-determinazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellata mill-Iskola kienetx tikkorrispondi ghall-verita` tad-dikjarazzjoni maghmula tar-*redundancy* jew, ghal kuntrarju, kienetx tekwivali ghal licenzjalment ingust li mar-*redundancy* ma ghandu ebda abbinament. Di regola, u a norma ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att imsemmi, tali stharrig hu incensurabbli minn din il-Qorti, hlief jekk l-ilment kontra l-gudizzju jkun jitratta minn punt ta' ligi;

Issa l-Iskola appellanti tadduci bhala kewstjoni ta' ligi l-argoment illi t-Tribunal ghamel ragonament errat ta' l-ipotesi tal-ligi postulata fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452. Dan il-provvediment jippreskrivi illi "**meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impjieg ta' impjegat minhabba *redundancy*, hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' l-impjieg milquta minn dik ir-*redudancy***";

Rigwardata taht dan il-profil, il-materja ventilata bl-aggravju tinvolvi kjarament kwestjoni ta' ligi dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu suddett; in partikolari, lill-kliem "<u>*redundancy*</u>" u "<u>klassi</u>". Tikkoncerna allura valutazzjoni ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi ghall-fattispeci konkreti tal-kaz u mhux sempliciment kritika ta' l-apprezzament tal-fatti rizultanti mill-provi. Tali mpustazzjoni ta' l-aggravju sottomess jattira l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fuq il-punt ta' ligi li jippreciza l-Artikolu 82 (3). F' din l-ottika l-pregudizzjali sottomessa ta' l-inappellabilita` tad-decizjoni hi wahda inattendibbli;

Dan premess, b' introduzzjoni ghall-kwestjoni li ser tigi hawn investigata ma jkunx barra minn loku jekk tigi qabel

xejn hawn ribadita l-osservazzjoni, drabi ohra mtennija, fis-sens illi "hija regola ta' l-ermenewtika li l-ligijiet ghandhom jigu nterpretati bil-mod l-aktar konfacenti ghas-*subject matter* taghhom, u fuq kollox skond il-finalitajiet u obbjettivi li jridu jilhqu. Barra milli b' dan l-ezami logiku tal-kliem tal-ligi imbaghad, il-Qorti, f' kazijiet bhal dawn, fejn il-ligi ghandha skop ekonomiku u socjali ghal protezzjoni tal-haddiem, ghandha wkoll timxi b' accertamenti prattici u prudenzjali attaljati ghall-industrija jew intrapriza partikulari ta' kull fattispecje, ghax kaz jista' jvarja minn iehor". Din is-silta hi kaptata mis-sentenza "**Joseph Brincat -vs- Jeffrey Michael Poulton *nomine***", Appell Kummercjali, 19 ta' Lulju 1976 li, incidentalment, kienet ukoll titratta minn kwestjoni ta' *redundancy* u minn stharrig interpretativ tad-distinzjoni, jew ta' l-affinita`, bejn "*Grade*" u "Klassi";

Ferma din l-introduzzjoni, ma jidherx li tezisti diskordanza dwar il-fatt illi, fit-termini tal-ligi, ir-*redudancy* tirraprezenta certament il-presuppost sostanzjali tal-legittimita` tat-terminazzjoni ta' l-impjieg. Ara Artikolu 36 (3) ta' l-Att. Huwa minnu illi, kif sewwa osserva t-Tribunal, il-ligi ma tipprovdi ebda definizzjoni tal-kelma "*redundancy*", pero` daqstant iehor huwa wkoll minnu illi ghal dan in-nuqqas tissuplimenta ruhha l-gurisprudenza taghna fuq l-istregwa ta' certi precedenti. Dan hu hekk manifest minn ezami tas-sentenzi "**Ronald John Pace -vs- Lawrence Baron *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Ottubru 1976 per il-Kompjant Imhallef George Schembri, u "**John Muscat *et* -vs- Gordon Urmston Munro**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April 1977 per l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran. F' dawn iz-zewg decizjonijiet il-Qrati jirrikollegaw ruhhom ghat-tifsira provvduta mit-Tribunal ta' l-Arbitragg (Award Numru 55). Dik, cjoe, li fuq il-konnotazzjoni etimologika taghha "*redundancy*" tfisser "*excessive*", "*superfluous*", "*surplus to requirements*" fejn allura l-impjieg ma jibqax mehtieg aktar "*based upon the operational requirements of the undertaking*". ("**Hotels, Restaurants, Tobacco and Allied Traders Section of the General Workers' Union and Messrs. A. Buttigieg Ltd (Luqa Airport Buffet**", deciza 18 ta' Novembru 1970);

Premessa din it-tifsira, skond l-Iskola appellanti l-impjieg ta' l-appellata safa *redundant* ghax in-numru ta' studenti fil-Juniors naqqsu b' mod sostanzjali (ara Dikjarazzjoni taghha tal-kaz). L-appellata, invece, tirribatti illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha fuq dik il-bazi kienet fittizja ghax, fil-verita`, l-Iskola riedet tirrimpjazza l-ghalliema anzjani b' ohrajn godda, kif fil-fatt hekk ghamlet;

Issa, kif inhu saput, fil-kaz ta' *redundancy* japplika l-principju tal-"*last in first out*". Dan hu hekk, s' intendi, fil-klassi ta' l-impjieg milqut b' dik ir-*redundnacy*. It-tezi ta' l-Iskola appellanti hi dik li t-*teachers* l-ohra fl-iskola, anke dawk impjegati wara l-appellata, ma kienux ghalliema tar-Religjon u allura, bhal speci, dawn ma kienux fl-istess "klassi" ta' l-appellata li kienet tghallem dak is-suggett;

Hu fatt, in kwantu jirrizulta mill-provi istruttorji, illi l-appellata kienet ilha tghallem fl-Iskola ghal 37 sena li matulhom ghallmet suggetti varji. Huwa fatt ukoll illi fl-istess waqt li kienet tghallem is-suggett tar-Religjon hi kienet taghmilha ta' *substitute teacher* f' materji ohra. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, anke tenut rigward tal-fatt li fil-Juniors ma ghandekx *subject teacher* specifika, il-fatt li f' dak il-mument l-appellata kienet tghallem dak is-suggett partikolari ma jqeghdhiex ghal daqshekk f' xi gerarkija differenti jew kategorija singolari minn dik tal-"klassi" generali tat-*teachers* l-ohra tal-Juniors fl-istess skola. Dejjem fl-istess fehma tal-Qorti ghal fini tar-*redundancy* kellha tittiehed in konsiderazzjoni l-"klassi" tat-*teachers* fl-assjem taghha u mhux f' suddivizjonijiet skond is-suggett. Ikun ingust, jekk mhux ukoll abuziv, illi ghall-finijiet tal-provvediment ta' l-Artikolu 36 (4), l-appellata kellha tigi kollokata fi "klassi" specjali sempliciment ghax kienet f' dak il-mument tghallem suggett partikolari u mhux iehor. Ir-riperkussjoni li tali ragonament igib ghall-appellata la tista' tigi accettata u wisq anqas ammessa;

Ghamel sewwa wkoll t-Tribunal li investiga, taht il-profil tal-korrettezza, id-decizjoni mehuda mill-Iskola u rricerka jekk kienx hemm verament motivi oggettivi u reali ta' "*genuine redundancy*". Ezercizzju dan li manifestament jirrientra fost l-attribuzzjonijiet u l-fakoltajiet lilu rizervati mil-ligi. Ara b' ezemplari Award Numru 1005 tal-15 ta' Dicembru 1998 in re "**Nevise Caligari -vs- Cities Entertainment Ltd**" u Award Numru 1186 tad-29 ta' Marzu 2001 in re "**Michael Sant -vs- Socjeta` Federated Mills plc**";

Forsi aktar mill-applikazzjoni ta' kriterji li jikkolegaw ruhhom ghall-konvinzjoni morali, anke jekk mhux eskluz li dawn igorru l-influwenza taghhom, ir-riljiev l-aktar sostanzjali hu dak li, tenut rigward ghall-karatteristici u pekuljarita` tal-kaz, rettament interpretati u valutati fil-kontenut objettiv taghhom, ir-*redundancy* kienet biss finzjoni u r-raguni dwarha, fittizja. Riljev bhal dan ma jistax jigi traskurat anke ghaliex, kif taraha din il-Qorti, mod iehor kapaci jwassal ghall-ksur ta' dak il-principju kostituzzjonali li jippreciza l-Artikolu 7 tad-Dikjarazzjoni ta' Principji dettati fil-Kostituzzjoni taghna. Fl-ahharnett ikollu jinghad illi gjaladarba l-ligi tikkonfigura r-*redundancy* bil-precitata disposizzjoni [Artikolu 36 (4)], askrivibbli ghal kriterju tal-"klassi", xorta wahda ma kienx jispetta, fuq il-bazi ta' l-anzjaneta` taghha fis-servizz u ta' dak superjorment dedott illi tigi licenzjata l-appellata ghal dik ir-raguni.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti mit-Tribunal, li qed jigu hawn ukoll abbraccjati, u prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet sottomessi mill-appellata li jibqghu a spejjez taghha, din il-Qorti tirrespingi l-appell lilha devolut fil-meritu, bl-ispejjez kontra l-Iskola appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------